# INFORMATION SHEET

**IKUN IMFAĦĦAR ĠESÙ KRISTU!**

**AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA**
**ISTITUT KATTOLIKU**
**FLORIANA FRN 1441**
**TEL: 21 222239/21 237031**
**Website: www.akmalta.org**
**Email: infosheet@akmalta.org**

**MEJJU 2010** **NUMRU 254**



**O Marija li Dħalt fid-Dinja Mingħajr Tebgħa aqlagħlna l-Grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija**

## MADWARNA

**Quddiesa għal ruħ Mons Mikiel Azzopardi -** Id-Direttur tad-Dar tal-Providenza flimkien mal-A.K.M., Kummissjoni Ħidma Morda u Persuni b'Diżabilità, qed jorganizzaw laqgħa biex matulha niċċelebraw Quddiesa b'suffraġju għar-ruħ Mons Mikiel Azzopardi f'għeluq il-mitt sena mit-twelid tiegħu. Din se tinkludi ukoll mima mtella' mir-residenti u *staff* tad-Dar tal-Providenza dwar il-ħajja ta' Mons Mikiel Azzopardi. Kulħadd huwa mistieden b'mod speċjali dawk kollha li ħadmu qrib tiegħu meta kien Assistent Ekkleżjastiku Ġenerali tal-AKM.

**Appoġġ qawwi -** Iċ-ċirkoli tal-Fergħa Nisa qed ikomplu juru l-appoġġ tagħhom. Ringrazzjament imur liċ-Ċirkoli tal-Ħamrun Sokkors għall-għotja ta' € 50.00, Luqa € 55.00, Mqabba € 25.00, Siġġiewi € 60.00, B'Buġia € 100.00 u l-Kumissjoni Romol € 200.00. Waqt l-iskola tal-Appostolat ta' Marzu l-ġabra kienet ta' € 60.00. Dawn l-għotjiet qed ikunu ta' għajnuna kbira biex jgħinuna intaffu xi ftit mill-piż.

**Attività għal-morda -** Prosit tassew lill-Kummissjoni Morda u Persuni b'Diżabilità tal-AKM għall-organizzazzjoni eċċellenti tal-attività għall-Morda u Persuni b'Diżabilità marbuta maż-żjara tal-Papa. L-attività marret tajjeb ħafna u għenet 'l dawn il-persuni jippreparaw huma wkoll għaż-żjara tal-Papa. Grazzi lill-persuni kollha li taw is-sehem u l-għajnuna tagħhom li żgur għen biex din tirnexxi.

**Servizz Penitenzjali -** Is-Servizz Penitenzjali wara li l-Papa telaq mill-Palazz, fil-Knisja ta' San Fran[isk, il-Belt, mar tajjeb ħafna wkoll u laħaq l-iskop tiegħu. L-atmosfera kienet waħda ta' ġabra u riflessjoni u offriet ambjent ta' paċi u sollev l-aktar lil dawk li resqu għas-sagrament ta' rikonċiljazzjoni. Kienet ħidma kollettiva bejn iż-żgħażagħ u l-adulti - grazzi lil kull min ta s-sehem tiegħu.

**Żjara tal-Q.T. il-Papa f'Malta -** "Iż-żjara tal-Papa kienet ta' sodisfazzjoni kbir kemm għall-Papa kif ukoll għall-Knisja Maltija. Il-veri protagonisti kienu l-eluf ta' nies li ħadu sehem fl-attivitajiet li saru u li ħarġu fit-toroq. Dawn urew li l-Knisja u dak li tgħallem huma fil-qalb tal-Maltin".

Hekk stqarr Mons. Arċisqof Pawlu Cremona O.P. l-għada taż-żjara tal-Papa f'pajjiżna waqt konferenza tal-aħbarijiet.

Din kienet żjara storika li aħna lkoll kellna l-grazzja li nesperjenzaw u l-frott tagħha rridu narawh 'l quddiem.

Carmen Agius
President Ġenerali

# Attivitajiet għax-Xahar ta' Mejju 2010

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd 2 | Kummisjoni Ħidma Morda | Quddiesa għal Benefatturi Ħajjin fil-Monasteru Ta' San Benedittu, Mdina. Ċelebrant Mons. Alwiġ Deguara Ass. Ekkl. |
| | Ż.A.K | Support Group f'M'Xlokk fl-10.00 a.m. |
| Il-Ħamis 6 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 a.m. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. |
| It-Tlieta 4 | Direttorju Ġenerali | Laqgħa tad-Direttorju fis-6.00 p.m. Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 5 | Kummissjoni Ħidma Morda | Forum fis-6.00 p.m. f'Sala Dandria, Istitut Kattoliku,Floriana |
| L-Erbgħa 12 | Kummissjoni Ħidma Morda | Laqgħa tal-Eżekuttiv fl-Istitut Kattoliku, Floriana fis-6.00 p.m. |
| Il-Ħamis 13 | Fergħa Xebbiet | It-tielet Laqgħa ta' Formazzjoni għall-membri Kollha fis-6.00 p.m. f'Sala Mons. Danadria. Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ħadd 16 | Fergħa Rġiel | Irtir fid-Dar Familja Mqaddsa, Naxxar Mid-9.00 a.m. sal-11.30 a.m. |
| | Kummisjoni Ħidma Morda | Quddiesa Dar tal-Providenza, Siggiewi fl-10.00 a.m. għal ruħ Mons Azzopardi |
| It-Tnejn 17 | Fergħa Rġiel | Kunsill Ċentrali fis-6.00 p.m. Istitut Kattoliku, Floriana |
| L-Erbgħa 19 | Fergħa Nisa | WUCWO Day fid-9.30 a.m. fil-Knisja Arċipretali tan-Naxxar |
| | Direttorju Ġenerali | Direttorju w Entita' fis-6.00p.m Istitut Kattoliku, Floriana |
| Il-Ġimgħa 21 sal-Ħadd 23 | Ż.A.K. | Weekend ta' preparazzjoni fejn se jiltaqgħu l-leaders Ewropej għall-EuroCamp li se jiġi organizzat miż-Ż.A.K. fis-Sajf li ġej |
| Il-Ħadd 23 | Fergħa Xebbiet | Irtir – Jum Pentecoste – Fergħa Maria Ewkaristika -Żebbuġ Dettalji aktar tard f'ċirkulari. |
| Is-Sibt 29 | Ċenaklu | Direttorju u Kunsilli |

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

### *Servizz bil-Minibuses*

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunita'

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikulta' ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom.

# LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA




Għandek okkażjoni u trid tagħti rigal b'differenza?

Mela asal wasla sal-Librerija tal-Azzjoni Kattolika l-Floriana



Wieħed isib:




Varjetà ta' rigali għal Jum l-Omm u għall-Ewwel Tqarbina, kif ukoll kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għal kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi u ħafna affarijiet oħra.







Issibu wkoll servizz ta' binding. Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'. Ħinijiet tal-Ftuħ: Matul il-Ġimgħa – mid-9.00 sa nofsinhar u mill-16.00 sas 19.30 u s-Sibt filgħodu biss.




Tel: 21 237031

Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lill-Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħna.

## IT-TIENI VOLUM TAL-KTIEB

**IL-VERITÀ TEĦLISKOM** – Patri Damian Cachia

Jinsab għall-bejgħ mill-Librerija tal-Azzjoni Kattolika l-Floriana

għall-prezz ta' € **5.00**



# OFFERTA SPEĊJALI



**Għażel 5 kartolini għall-prezz ta'**

# € 1.00

## <u>Fergħa Xebbiet Adulti</u> -

Nota: Inħeġġu lill-membri kollha biex fil-laqgħat ta' kull ġimgħa jgħidu r-Rużarju qabel jew wara l-laqgħa.

--------------------

**<u>KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ</u>**

***<u>SOLIDARJETÀ</u>*** Il-Programm 'Solidarjetà li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Mejju se jixxandar f'dawn id-dati :- 2, 9, 16, 23 u 30 fis-7.15 p.m.

------------------